TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 83/13/GB

**Carmen Mifsud**

**vs**

**Asia Arts Limited – Dura Bannon**

Illum 9 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' April, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tmien mija tlieta u sebghin Ewro u hamsin centezmi (€873.50), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal ghamara ta' barra li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema ghamara ta' barra kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat ghamara ta' barra li tikkonsisti f'mejda u hames bicciet li jiffurmaw sufan, tal-materjal 'rattan' abjad minghand is-socjeta' ntimata.

L-ghamara kienet giet ikkonsenjata fit-12 ta' April 2011.

Wara l-ewwel sajf (2011), fejn din l-ghamara lanqas biss intuzat, ghaliex id-dar ma kenitx abitata, b'effett tax-xemx il-cushions u parti wahda mis-sufan infetthu u spiccaw. Is-socjeta' ntimata kienet giet mgharrfa u fil-fatt kienet bidlet il-partijiet difettuzi.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Matul is-sajf 2012, il-mejda u l-hames bicciet tas-sufan, anke dawk diga' mibdula, inqerdu ghal kollox u dan peress li bl-effett tax-xemx, inqata' il-materjal plastiku u zzarma. Gara hekk meta din l-ghamara hija ghamara ta' barra, rezistenti kemm ghall-ilma kif ukoll ghax-xemx.

Is-socjeta' ntimata regghat giet informata, pero' hija rrifjutat illi terga' tmur tara l-hsara u njorat lir-rikorrenti.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-ghamara kienet inxtrat ferm qabel minghand ir-rikorrenti, u bi pjacir inzammet fil-mahzen tas-socjeta' ntimata ghliex il-post tar-rikorrenti ma kienx lest.

Saret delivery fuq insistenza tas-socjeta' ntimata ghaliex kienet qed tokkupa spazju fil-mahzen.

Illi l-propjeta' kienet ghadha qed tigi zviluppata u kien hemm il-haddiema, illi ghalkemm ma kenitx abitata d-dar, l-imsemmija haddiema kellhom access ghaliha kif ukoll setghat tintlaqat u tintuza minnhom.

Illi l-cushions huma ta' materjal normali u komdu u ovvjament huma waterproof. Ghandu jinghad ukoll li peress li woven, jekk tinqata' wahda dan jinhall u jizzarma. Illi l-ezagerazzjoni li "inqerdu ghal kollox" hija cara peress li biss biss il-frame huwa tal-aluminium u difficli li jinqered.

Jidher minn kliem ir-rikorrenti li hija abbandunat is-sufan barra ghall-elementi tax-xemx u xita, u ghalkemm ta' barra ma hemm ebda garanzija ghal kontra xemx qawwija ta' Malta u xita, kif wiehed jista' jara minn zebgha ta' vetturi moderni li jittiekel bix-xemx ta' Malta.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.CM1; flimkien ma' sett ta' erbgha (4) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.CM2.

Ir-rikorrenti ezebiet wahda mill-'cushions' *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera da parte tas-socjeta' ntimata lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jikkummenta dwar il-fatt illi mir-ritratti li gew ezebiti (Dok.CM2), id-difett fl-ghamara in kwistjoni huwa car, pero' dan it-Tribunal ma huwa konvint xejn illi tali ghamara ma gietx iddanneggjata minn xi terza element. Nonostante dan id-dubju, is-socjeta' ntimata debitament notifikata u msejjha tliet darbiet baqghet ma dehritx u ghalhekk, hlief ghar-risposta bil-miktub, liema risposta kienet wahda fjakka illi kellha bzonn diversi kjarifiki, is-socjeta' ntimata ghazlet illi ma tiddefendix il-pozizzjoni taghha quddiem dan it-Tribunal. Illi ghalhekk u wara li ra l-provi li ngabu quddiemu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-ghamara ta' barra in kwistjoni fil-kompletezza taghha, u thallas l-ammont ta' tmien mija tlieta u sebghin Ewro u hamsin centezmi (€873.50) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**